P. RANIERO ZAMMIT OFM.CAP.



# IL-KURUNELL (Rev.) HENRY FERRO (1905–1980)

## L-EROJ SLIEMIŻ FL-ATTAKK TA' L-E-BOATS TALJANI 60 SENA ILU

Kmieni maż-żerniq tas-26 ta' Lulju 1941, sar wieħed mill-iktar attakki ta' sogru fuq Malta. Dik is-sena u ta' warajha pajjiżna kien fl-eqqel tal-Gwerra. Dak inhar, forza ta' 17-il "motor torpedo boat" Taljani dehru fuq ix-xefaq u ġrew b'ħeffa kbira lejn il-Port il-Kbir bl-għan li jattakkaw il-vapuri ta' Konvoj li kien għadu kemm wasal qawwi u sħiħ. Huma ġew milqugħin mill-kanuni tat-"3rd Coast Battery, R.M.A.", mill-Forti Sant Jiermu u sfaw meqrudin kollha. Din baqgħet meqjusa bħala waħda mill-aqwa rebħiet li għamlu d-difiżi tal-kosta ta' Malta fil-Gwerra. Il-Kmandant tal-Batterija tal-kanuni kien il-Kurunell (dak iż-żmien Maġġur) Henry Ferro R.M.A.



1931. Il-Kurunell Ferro ta' 26 sena.

**L-Attakk**

Fil-lejl ta' qabel seħħ l-attakk, ajruplani tal-R.A.F. irrappurtaw li kienu lemħu bastiment ta' l-għadu ftit mili 'l barra mill-Port il-Kbir. Il-Kurunell Ferro ta l-ordni li n-nies tal-kanuni jorqdu ħdejn il-kanuni tagħhom għalli jista' jinqala'. Ftit wara l-4 a.m., suldat mal-kanuni għarraf lill-Kurunell Ferro li ra "motor torpedo boat" riesqa. Ingħata minnufih is-sinjal ta' l-allarm li kien ġej attakk minn għadd ta' torpedo boats, li kienu tniżżlu minn fuq il-bastiment, fuq il-Port il-Kbir. Malli dawn daħlu fil-mira, il-kanuni fetħu n-nar fuqhom u ġew meqrudin kollha fi spazju ta' 90 sekonda. Dawk li ma nqerdux għal kollox mill-kanuni, ħadu ħsiebhom l-ajruplani tal-R.A.F. huma u jaħarbu lura. Dan l-attakk kien immexxi u kkoordinat mill-Uffiċjal Għoli Teseo Tesei, magħruf u espert fl-iżvilupp tat-tqegħid ta' missili taħt il-baħar, imlaqqmin "Pigs".

F'dan l-attakk tilfu ħajjithom in-nies kollha tat-Torpedo Boats minbarra wieħed: Is-"Second Lieutenant" Roberto Frassetto, li ndarab sewwa u laħaq qabeż il-baħar taħt il-breakwater. Instab minn tliet suldati Maltin. Ġie mgħarraf il-Kurunell Ferro li ordna li jittella' u jingħata l-ewwel għajnuna. Wara, ittieħed fil-Kwartieri ta' Lascaris biex jiġi interrogat, u sitt xhur iktar tard intbagħat priġunier tal-Gwerra fi Sptar Militari Ingliż fl-Eġittu. Fl-attakk sfat imġarrfa waħda mid-dirgħajn tal-pont tal-breakwater. Il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm, jiddeskrivi din il-ġrajja li baqgħet famuża fl-istorja tal-Gwerra f'poeżija ta' seba' strofi. Inġibu l-ewwel u l-aħħar strofa:

Sbatax-il waħda ġew, minn art imgħaddba,
Ħfief fuq il-mewġa bħal għasafar fl-ajru,
Mgħammra b'għodda qerrieda biex l-imriekeb
Li ġiebu l-ħajja lill-Maltin itajru.

Sbatax-il waħda ġew, sbatax-il waħda
Sabu qabarhom fuq ix-xtut tal-Gżira;
Anqas waħda ma reġgħet lejn pajjiżha,
Biex tgħid il-Għajb ta' din it-Telfa Kbira.

**Min kien il-Kurunell Henry Ferro**

Wara li rajna l-attakk u min kien il-Kmandant li mexxa d-difiża tiegħu, issa naraw min kien il-bniedem Henry



1957. Il-Kurunell Ferro jagħmel spezzjoni ta' "Territorial Unit" waqt kamp.



1963. Il-Kurunell Ferro (lemin) ma' Lt. Col. G. Z. Tabona u Maj. General Frost.

Ferro. Huwa twieled Tas-Sliema nhar is-17 ta' Awissu 1905. Il-ġenituri tiegħu kienu l-Prof. E.H. Ferro B.A., M.D., u Mary mwielda Samut. Iżżewweġ lil Marian, imwielda Mizzi, fil-11 ta' Lulju 1937, u kellhom żewġ ulied, Henry Gordon u Elizabeth. Romol meta Marian mietet fl-14 ta' Lulju 1950. Beda l-istudji tiegħu fi Stella Maris College, Tas-Sliema, u mbagħad insibuh student fl-Università ta' Malta fil-kors tal-mediċina bejn l-1921 u l-1925. Fl-1926 huwa ħalla l-kors u daħal bħala 2nd Lieutenant fir-Royal Malta Artillery. Huwa rtira bil-pensjoni mill-Armata nhar il-31 ta' Lulju 1957. Il-"War Office" fi Stanmore, Middlesex, kitiblu ittra ta' radd-il ħajr u tifħir fejn għarrfu li s-Segretarju ta' l-Istat għall-Gwerra ġie mitlub mir-Reġina biex iwassallu r-radd il-ħajr tagħha għas-servizz twil u siewi tiegħu. Il-karriera brillanti tiegħu wasslitu biex jingħata l-Africa Star, The Italy Star, id-Defence Medal, u l-Victory Medal. Fil-Gwerra kien ħa sehem fil-Battalja ta' Legnano fl-invażjoni ta' l-Italja, u wara l-Gwerra kien inħatar Kap Kmandant tat-Territorial Forces ta' Malta.

Mill-1958 sal-1962 huwa daħal fil-politika mal-Partit Kostituzzjonali Progressiv immexxi minn Miss Mabel Strickland. Flimkien magħha u ma' oħrajn huwa tela' Londra fejn ħa sehem fit-taħditiet Kostituzzjonali li kienu qed isiru qabel l-Indipendenza ta' Malta.

## Isir Qassis

Il-Kurunell Henry Ferro laħaq il-quċċata ta' ħajtu meta ddeċieda li jsir Qassis. Huwa mar Ruma u studja t-Teoloġija fil-magħruf Kulleġġ Ven. Beda bejn l-1967 u l-1971. F'ittra miktuba minn idejh lill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nhar l-24 ta' Ġunju 1967, huwa jagħtih id-dettalji kollha meħtieġa dwaru. L-ittra hija miktuba minn "Garcia Lodge", San Pawl tat-Tarġa. F'Marzu 1971 ġie ordnat saċerdot f'Ruma, inkardinat ma' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

Huwa ddistingwa ruħu wkoll bħala qassis. Lura f'Malta, Rev. Henry Ferro ingħata għax-xogħol pastorali b'ħerqa kbira u b'eżempji mill-isbaħ. B'ittra tat-2 ta' Ottubru 1973, il-Kummissjoni Emigranti u Turisti ħatritu Assistent Kappillan Nazzjonali għas-sena Ottubru 1973/



1971. L-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Rev. Henry Frendo.

Settembru 1974. Is-Segretarjat b'risq il-ġid spiritwali u soċjali ta' l-Emigranti u Turisti wkoll ħatruh Assistent Chaplain għas-sena Ottubru 1977/Settembru 1978. Imbagħad insibuh ukoll Direttur Spiritwali u Sports Master ta' l-istudenti ta' St Edward's College. Huwa rawwem spirtu nisrani ta' lealtà u dixxiplina fiż-żgħażagħ fdati lilu. Meta rtira minn dil-kariga għal raġunijiet ta' saħħa, huwa nġabar fid-Dar tal-Kleru, Fleur de Lys, B'Kara. Hawnhekk, huwa rċieva ittra minn għand il-Headmaster ta' St Edward's College, bid-data tat-2 ta' Ottubru 1979, fejn igħidlu: "Just a short note to thank you most sincerely for the sterling work which you performed at St Edward's in the spiritual and sporting field. Your vast experience particularly in the latter was exhilarating to one and all. We shall all miss you but we shall remember you in our prayers". Kemm dam fid-Dar tal-Kleru kien ta' eżempju mill-isbaħ u ta' inkuraġġiment għal sħabu l-qassisin.

Fil-bidu ta' Frar 1980 huwa ddaħħal l-Isptar tal-Blue Sisters fejn qatta' l-aħħar jiem ta' ħajtu. Id-destin ried li jien, li llum qiegħed nikteb fuqu, kont Kappillan ta' l-Isptar tal-Blue Sisters u mess lili li nkun miegħu fl-aħħar mumenti ta' ħajtu. Fil-ftit jiem li għamel hemm kont inqarbnu kuljum u għamiltlu wkoll is-Sagrament tal-morda, li huwa rċieva b'rassenjazzjoni kbira u b'edifikazzjoni ta' kulħadd. Huwa radd ruħu lill-Mulej imdawwar b'imħabba minn uliedu u l-familji tagħhom. Kien lejlet il-Festa ta' San Pawl, 9 ta' Frar 1980. Il-funeral "praesente cadavere" li sarlu fil-Knisja Parrokkjali tal-Balluta, kien xhieda ta' l-istima li kien igawdi, kemm min-naħa ta' l-awtoritajiet tal-Knisja, ta' l-Armata u wkoll dawk ċivili.

F'Diċembru ta' aktar minn 20 sena wara, għamel żjara nostalġika f'Malta l-uniku wieħed li kien salva fl-attakk tal-E-Boats Taljani, li semmejna aktar 'il quddiem, Dr Roberto Frassetto. Huwa kellu laqgħa kordjali mal-Kurunell Ferro. It-tnejn li huma ferħu b'xulxin. Issa ma kenux aktar rebbieħ u tellief, imma żewġt irġiel li t-tnejn qdew dmirhom lejn pajjiżhom b'kuraġġ! L-okkażjoni kienet il-ġbid ta' filmat għat-T.V. Taljan fis-sensiela ta' programmi msejħa "Sotto Inchiesta". L-intervista bejniethom saret bl-akbar ħbiberija bl-isfond tal-Breakwater fejn seħħ l-attakk warajhom.

*Ħajr lil Mr Albert E. Galea, ħaten il-Kurunell Ferro, għat-tagħrif li tana u r-ritratti li silifna. (L-Editur).*

ĊENSU GRECH

IRONMONGERY & HARDWARE STORE

PROP. DAVID GRECH

*Għal kull kwalità ta' żebgħa u bżonnijiet oħra tad-dar*

130/131, Manwel Dimech Street, Sliema
Tel: 330705 Mob: 09450224